MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 776/2014

**M. Demajo (Wines and Spirits) Limited**

**(C-2521)**

**vs**

**Mint Beverages Limited**

**(C-61983)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Settembru, 2014, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi hi kreditrici tas-socjeta` intimata fis-somma ta' hmistax -il elf tmien mija u hmistax -il Ewro u sitta u hamsin centezmu, (€15,815.56), ghal xorb mibjugh u kkonsenjat lill-istess socjeta` intimata, (ara foll 4);

1.2 Illi nonostante li interpellata s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.3 Illi d-debitu *de quo* hu cert, likwidu u dovut, u s-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda risposta fir-rigward;

1.4 Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex din:

1.4.1. Taqta` u tiddeciedi din il-vertenza *a tenur* tal-artiklu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe`, bid-dispensa tas-smiegh,

1.4.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.) aktar qabel);

1.4.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta` intimata;

2. Semghet l-ammissjoni tar-rapprezentant legali tas-socjeta` intimata;

3. Rat id-dokumenti pprezentati;

4.0. Illi a bazi tal-ammissjoni fuq riferita din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

4.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata Mint Beverages Limited thallas lis-socjeta` rikorrenti M. Demajo (Wines and Spirits) Limited is-somma ta' hmistax -il elf tmien mija u hmistax -il Ewro u sitta u hamsin centezmu, (€15,815.56);

4.2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezenatat kontestwalment mar-rikors guramentat promotur in dizamina u bl-imghax legali mid-data tar-fatturi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-imsemmija socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------